# Titlaqni, hi

Anna T. Szabó

Traduzzjoni ta' Clare Azzopardi

Tingannani, titlaqni.
Tkeċċini, titlaqni.
Niekol minnha, titlaqni.
Tbennini, titlaqni.

Iżżiegħel b'saqajja, tixxottali l-patata,
tippetnali xagħri, imbagħad titlaqni.
Nixrob riħitha hekk kif tgħannaqni,
tgħidli, Qatt mhu se nitilqek, u titlaqni.
Tqarraq bija u titbissem, tfesfisli tibżax
Jien nibża' u ninġazza u titlaqni.

Billejl timtedd fuq is-sodda, maġenbi,
imbagħad taħrab 'l hemm u titlaqni.
Kbira, ħanina, fuq tagħha, tlestili l-bejta,
tbusni, tħanninli, titlaqni.
Timlili jdejja biz-zokkor biex niekol,
wara li nkun kilt titlaqni.
Nibki, inwerżaq, magħha niggranfa
magħha nagħti, imbagħad titlaqni.

Hi u tagħlaq il-bieb, ma tħarisx lura.
Ma neżistix meta titlaqni.
Nistennieha bir-rogħda donni xi kelb,
Tiġi, tmellisni, titlaqni.
Hi l-ħajja. Mingħajrha, il-mewt.
Terfagħni, issaħħanni, titlaqni.
Idejha gaġġa, imma ħoġorha dari.
Nixtieqha lura, imma titlaqni.
Tgħallimtha l-lezzjoni: m'aħniex ħaġa waħda.
Barranija, barranija, titlaqni.
Hemm, fid-dinja, xi ħaddieħor qed jistenniek.

Xi ħaddieħor li tista' titilqu.
Int u tagħlaq il-bieb, tħarisx lura.
L-istennija faċli, it-tluq diffiċli.
Xi ħadd għad iqarraq bik, iħallik orfni.
Dejjem se jkun hemm xi ħadd jistenniek, jibża' minnek.
dejjem xi ħadd li ma jerġax jiġi,
li jwelldek, li jmut, li jitilqek.